MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Numru 305/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**FRANCOIS ZAMMIT**

Illum 25 ta' Novembru, 2003

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Francois Zammit, iben Carmelo u Dolores nee' Spiteri, imwieled Pieta' fl-1 t'Awissu 1984 detentur ta' kartata ta' Identita nru 036658M u joqghod Nru 11, 'Mirage', Triq il-Hatem Ghaxaq, gie akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar 2003 ghal-habta tal-5.20pm fil-post maghruf bhala 'Ta' Hmis' limiti tal-Gudja, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta'

Mark Abela detentur ta' karta ta' identita nru 0114183M f'periklu car, ikkaguna offizata' fuq il-persuna ta' l-istess Mark Abela liema offiza iggib mankament jew sfregju, jew feriti perdurata kif iccertifika Dr Kevin Zammit MD. ta' S.L.H., bi ksur tal-art 214, 216 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Ukoll talli fl-istess hin lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-publiku bl-ghajjat u glied bi ksur tal-artiklu 338 (bb) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

F'kas ta' htijja il-qorti giet mitluba taplika il-provediment tal-art 383(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok JA2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammisjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammisjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li hu konsapevoli li l-parte civile Mark Abela illum sar habib tal-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 214, 215, 216 u 338(dd) tal-Kap .9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Francois Zammit, fuq ammisjoni, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputat, l-eta' tal-imputat u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Joseph Agius iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li hu konsapevoli li l-parte civili Mark Abela illum sar habib tal-imputat, tillibera lill-istess imputat Francois Zammit taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta'Malta bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat Francois Zammit b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Mark Abela ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francois Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------